Kunsill Lokali
ĦAL KIRKOP
parva non iners

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

L-Għaxar LEĠISLATURA

Laqgħa Nru. 34 /2026

Data tal-laqgħa: 26 t'Awwissu, 2026

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, li jinsab fl-indirizz 41, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fil-5.00 ta' filgħaxija (17:00).

Preżenti:

Matthew Agius Zammit	***Sindku***
Bernice Caruana	***Viċi Sindku***
Loranna Bonniċi	***Kunsilliera***
Joseph Schembri	***Kunsillier***

Assenti

Ritienne Caruana	***Kunsilliera***

Uffiċjal Preżenti:

Franklan Debono	***Aġent Segretarju Eżekuttiv***

FD MAZ

34.1 Qari tal-Ittri tal-Apoloġiji

34.1.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qrat il-komunikazzjoni li permezz tagħha l-Kunsilliera Ritienne Caruana infurmat lill-Kunsill li ma kinitx ser tattendi għal-laqgħa.

34.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 32 u 33

34.2.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħat numru 32 u 33, li kienu meqjusa bħala moqrija. Fuq proposta tas-Sindku Matthew Agius Zammit, sekondata mill-Kunsillier Joseph Schembri, dawn il-minuti ġew approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

34.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

34.3.1 Is-Sindku Matthew Agius Zammit infurma lill-Kunsill li r-reġjun ser ikun 'Capital of Culture 2027' u li kien hemm bżonn informazzjoni dwar kull raħal. Il-Kunsilliera Loranna Bonniċi, flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv, spjegaw li din l-informazzjoni kienet diġà ġiet riveduta minnhom. Kien hemm qbil li l-informazzjoni kienet tajba u li kien fiha biżżejjed dettalji dwar Ħal Kirkop.

34.3.2 Ġie spjegat li, fil-każ li l-Kunsill ikun jixtieq jagħmel rappreżentazzjoni dwar xi każ quddiem il-Planning Authority, irid ikun hemm rappreżentant min-naħa tal-Kunsill li jitkellem f'isem il-Kunsill u l-membri qablu li jkun is-Sindku Matthew Agius Zammit.

PD MAZ

34.3.3 Il-Kunsill Lokali tar-Rabat talab li jikri s-soqfa tal-kanizzati tal-Kunsill u li jissellef għaxar banners tar-reġjun. Kien hemm qbil fuq din it-talba.

34.3.4 Ġiet introdotta sistema online għall-ġbir tal-iskart goff (bulky refuse), li permezz tagħha r-residenti jistgħu jibbukkjaw il-ġbir online minflok bit-telefon. Ġie kkummentat li s-sistema online mhijiex ħażina.

34.3.5 Waslet korrispondenza dwar talba għal linja safra (yellow line) fi Triq l-Imdina. Ġie kkonstatat li fit-triq hemm 11-il spazju ta' parkeġġ. Transport Malta (TM) kienet qed taħseb li dan iwassal għall-fatt li jkun hemm karozzi pparkjati fuq iż-żewġ naħat tat-triq, iżda peress li t-triq għandha wisa' ta' 6.5 metri, id-double yellow line mhux ser issir.

34.3.6 Waslet komunikazzjoni mid-DLG li l-Kunsilli Lokali javżaw lid-Direttorat meta jkunu applikaw għal xi skemi jew għall- fondi tal-Unjoni Ewropea.

34.3.7 Ġiet diskussa l-għażla li l-programm 'Bonġu Malta' jkun involut fl-attività 'Pjazza għal Pjazza' u ħa jkun hemm laqgħa mal-producers; u ħa jingħata feedback fil-laqgħa segwenti.

34.3.8 Waslet korrispondenza mill-ERA u mingħand Rachel Xuereb dwar il-proġett Kirkop Outlet Village. L-ERA talbet li l-Kunsill ikollu rappreżentant fil-bord, u r-rappreżentant tal-Kunsill ser ikun is-Sindku Matthew Agius Zammit. L-ERA għamlet ADI, u sar Social and Environmental Impact Assessment ta' 120 paġna. Saret talba biex jerġgħu jiġu jispjegaw x'sabu sa dan l-istadju, sabiex il-Kunsill ikun ippreparat qabel ma jattendi għal-laqgħa.

34.3.9 Se jsiru workshops għall-Kunsilliera dwar il-Wellbeing, u l-Kunsilliera interessati jistgħu japplikaw.

34.3.10 Waslet offerta mill-AKL għal korsijiet varji li wkoll jaqgħu taħt l-iskema tal-Get Qualified u min japplika jista' wkoll jiġu mgħejuna finanzjament mil-AKL.

FD MR

34.3.11 Taħt l-inizjattiva tal-Active Ageing ġie offrut kors ta' crochet, iżda l-Kunsill diġà qed joffri dan il-kors.

34.3.12 Identità Malta ser ikunu fil-lokalità bejn it-28 u t-30 ta' Settembru. Il-Kunsill ser jirreklama dan fuq il-midja, permezz tar-reklamar li jingħata mingħandhom.

34.3.13 Il-Kappillan jixtieq li jitneħħew il-wires mill-knisja, u Epic ser ineħħu l-wires tagħhom. Is-Sindku Matthew Agius Zammit ser ikollu laqgħa biex jaraw x'jista' jsir dwar dan u kif għandu jitwettaq ix-xogħol, possibbilment flimkien mal-proġett 'Vjal Kulħadd'.

34.3.14 Waslet komunikazzjoni dwar il-European Christmas Village. Il-Kunsill avża li beda l-proċess, u l-organizzaturi rrispondew li l-Kunsill ikollu rappreżentant fil-bord tal-ġurija u dan ħa jkun is-sindku Matthew Agius Zammit

34.3.15 Il-programm 'Read with Me' waqaf, u jrid jinstab programm ieħor minfloku.

34.3.16 Rigward il-blue bins, intalbet laqgħa, iżda ma ġiex ikkonfermat li l-bins huma operabbli. Ser issir laqgħa dwar dan.

34.3.17 Dwar l-iskema fi Pjazza Żerniq, il-Kunsill kien diġà ħadem biex jiġu pprovduti l-ilma u d-dawl, iżda ma sarx il-BOQ (Bill of Quantities). Waslet kwotazzjoni ta' €1,400 mingħand l-istess persuna. Kien hemm qbil li l-Kunsill jimxi 'l quddiem b'din il-kwotazzjoni.

34.3.19 Rigward is-CMD, il-Kunsill irid jara l-kuntratt u l-MOU biex jara jekk jinkludix il-ġbir u t-tindif tal-iskart matul il-festi.

34.3.20 Fi Triq Karlu Dramanin, it-tieni fażi tal-asfaltar waslet biex titlesta. Inġibdet l-attenzjoni għal xi bankini, u xi whud minnhom ser jinqalgħu. Jekk ir-residenti jistaqsu għalfejn ir-rampi nħarġu 'l barra, ir-raġuni hi li l-livell tat-triq ma kienx

jippermetti slope tajba. B'dan il-mod il-bankina tibqa' dritta bis-slope magħha, u tkun bankina komda mingħajr tlugħ u nżul.

Hemm ukoll it-tieni fażi f'Triq ir-Ramlija. Din it-triq ser tingħalaq matul il-ġimgħa tal-festa jekk ikun hemm periklu; jekk le, kollox ser jibqa' kif inhu.

34.3.21 Rigward il-proċess tar-reklutaġġ tas-Segretarju Eżekuttiv, applikaw żewġ persuni minn Għawdex, u hemm persuna oħra li kienet diġà applikat. Din ġiet rakkomandata mill-bord.

34.3.22 Inħareġ in-no objection għall-bankini fi Pjazza Żerniq u fi Triq San Benedittu.

34.3.23 Rigward Ġnien Rousset, f'diversi laqgħat kien intlaħaq ftehim li ssir site meeting biex jiġu spezzjonati x-xogħlijiet. Sfortunatament, dan l-impenn ma nżammx, u anke l-laqgħa li kellha ssir illum ma saritx għax ma attenda ħadd. Minn meta beda x-xogħol saru biss il-bankina u l-mirja. Il-kuntrattur ma jridx jiltaqa' mal-Kunsill u qed jgħaddi kollox permezz tal-Public Works. Jekk il-Kunsill ma jirċevix risposta, ser jikteb lill-Ministeru.

34.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

34.4.1 Rigward il-korrispondenza dwar il-kwistjoni tal-kuntrattur li qed iwettaq ix-xogħlijiet fuq il-proġett tal-Housing, is-Sindku spjega li kien talab kjarifika personalment lill-Ministru Owen Bonnici u lis-Sur Ramon Deguara dwar il-fatt li l-kuntrattur kien qed jittrasporta u jarmi skart minn sit għal ieħor, b'mod partikolari minħabba l-inkonvenjent u t-trabijiet li din l-attività kienet qed tikkawża lir-residenti tal-madwar. Il-Viċi Sindku staqsiet għaliex din il-kwistjoni ma kinitx ġiet diskussa magħhom minn qabel, speċjalment fid-dawl tal-fatt li huma jaħdmu fl-istess Awtorità. Is-Sindku wieġeb li kien ħaseb li, proprju

FD MKZ

minħabba dan il-fatt, huma kienu diġà konxji tal-korrispondenza. Żied jgħid li din ma kienet tinkludi xejn ħlief talba għal kjarifika dwar is-sitwazzjoni.

34.4.1.1 Il-Viċi Sindku, Bernice Caruana, sostniet li kien hemm korrispondenza li hija ma kinitx fil-pussess tagħha. Is-Sindku reġa' ċċara li kien sempliċement ħaseb li kienu infurmati u enfasizza li fl-ebda mument ma kellu l-intenzjoni li jpoġġi lil xi ħadd f'pożizzjoni skomda. F'dan il-kuntest, spjega li kien ikkunsidra wkoll kif setgħet tiġi interpretata s-sitwazzjoni li kieku l-korrispondenza ġiet ippubblikata fuq il-paġna uffiċjali tal-Kunsill, meta żewġ membri tal-istess Kunsill jaħdmu proprju fl-Awtorità kkonċernata. Għaldaqstant, tenna li l-intenzjoni tiegħu kienet biss li jikseb kjarifika u li tiġi indirizzata l-problema, mingħajr ma joħloq inkonvenjent għal ħadd.

34.4.1.2 Is-Sindku kompla jispjega li l-Ministru Owen Bonnici kien wieġeb li l-kwistjoni kienet diġà ġiet indirizzata, hekk kif is-Sur Ramon Deguara kien ħa azzjoni mill-ewwel. Fil-fatt, is-Sur Deguara kien ikkuntattja lill-kuntrattur u talbu jwaqqaf din il-prattika. Minn dakinhar 'l hawn, il-Kunsill ma rċieva l-ebda lment ieħor u ma ġiex irrappurtat aktar rimi ta' skart fuq is-sit.

34.4.1.3 Ġie spjegat ukoll li din il-problema kienet ilha għaddejja, fejn kienu saru diversi rapporti, inkluż permezz ta' filmati, iżda s-sitwazzjoni kienet baqgħet ma ġietx indirizzata. Madankollu, malli l-kwistjoni reġgħet inġibdet għall-attenzjoni tal-awtoritajiet konċernati, ittieħdet azzjoni.

34.4.1.4 Matul id-diskussjoni tqajjem ukoll il-punt dwar għaliex, meta hemm persuni fi ħdan il-Kunsill li jaħdmu f'dan il-qasam, dawn ma jiġux ikkonsultati direttament. Ġie rrimarkat li l-Kunsill għandu jaħdem b'mod kollettiv u bħala tim, filwaqt li jieħu r-responsabbiltà meħtieġa fuq kwistjonijiet li jolqtu lir-residenti.

34.4.1.5 B'referenza għall-kitba personali tal-Kunsilliera Loranna Bonnici fuq Facebook, reġgħet ġiet enfasizzata l-importanza tal-ħidma kollettiva fi ħdan il-Kunsill. Is-Sindku tenna li l-intenzjoni tiegħu qatt ma kienet li jpoġġi lil xi membru f'sitwazzjoni skomda, partikolarment meta jkun hemm membri li jaħdmu fil-ministeri jew fl-awtoritajiet involuti.

34.4.1.6 Rigward ix-xogħlijiet fi Triq Dun Ġużè Barbara u Triq Ħal Safi, ġie spjegat li l-istess kuntrattur qed iwettaq ukoll xogħlijiet f'isem il-Water Services Corporation (WSC). Dawn ix-xogħlijiet ilhom għaddejjin għal aktar minn sena u suppost kellhom jitlestew qabel Settembru.

34.4.1.7 F'dan ir-rigward, ġie indikat li jekk fi żmien ġimgħa ma jkunx hemm progress konkret fuq dawn ix-xogħlijiet, il-Kunsill ser jipproċedi bil-ħruġ ta' stqarrija dwar is-sitwazzjoni.

34.4.2 Sar suġġeriment dwar kif il-Kunsill jista' jgħin lill-għalliema tal-iskola biex tkun tista' timxi 'l quddiem. Il-Kunsill ser jipprovdi l-kostum.

34.5 Barriera tal-Gvern

34.5.1 Hemm barriera mimlija bl-ilma li tinsab wara l-Multigas u l-ST Microelectronics, u l-aċċess għaliha huwa minn ġewwa ST. ST huma obbligati li, meta jogħla l-livell tal-ilma, ibattluha. Issa jridu jneħħu dan l-obbligu u jgħaddu l-barriera lill-Public Works. Għalhekk, bħala parti mis-sistema tal-water culverts, ser tiġi installata pompa, u qed isir kanal biex l-ilma tax-xita jintbagħat minn hemm lejn Triq San Pietru, sabiex l-ilma jibqa' għaddej. Ġie mistoqsi x'jaħseb il-Kunsill dwar li japplika għad-devoluzzjoni tal-barriera, sabiex iżommha bħala riżerva tal-ilma li

FO MAZ

minnha jkunu jistgħu jsaqqu l-bdiewa. Kien hemm qbil li l-Kunsill japplika għad-devoluzzjoni.

34.6 Dati u Laqgħat tal-Attivitajiet (Inklużjoni, Clean-up, Milied, Pjazza)

34.6.1 Pjazza għal Pjazza – Il-Viċi Sindku Bernice Caruana ser tieħu kwotazzjoni tal-ispejjeż.

34.6.2 Ser issir laqgħa mal-għaqdiet dwar 'Pjazza għal Pjazza' nhar is-7 ta' Settembru 2026, fis-6.00 p.m.

34.6.3 Clean-up – 5 ta' Ottubru 2026, fil-5.00 p.m.

34.6.4 Laqgħa ta' Diskussjoni Klaus Percopus Milied – 10 ta' Settembru 2026, fil-5.30 p.m.

34.7 Ġemellaġġ ma' Gela

34.7.1 Fl-4 ta' Settembru, is-Sindku Matthew Agius Zammit, il-Kunsillier Joseph Schembri u l-Amministratur Uffiċjali Glenn Mizzi ħa jżuru Gela, ġewwa Qallija. Dawn ħa jaraw il-post biex jesploraw il-possibbiltajiet u jintroduċu xi inizjattivi hemmhekk. Dan ħa jsir mil-fondi tagħhom stess u mhux tal-Kunsill.

34.8 Sleeping Policemen – Triq il-Kbira

34.8.1 Saret talba biex isir sleeping policeman fi Triq il-Kbira. Il-Kunsill ser jiġbor il-feedback tar-residenti u mbagħad jiddeċiedi. Ser titħejja abbozz ta' ittra (Triq il-Fieres).

34.9 Isem ta' Triq Danny Cremona

34.9.1 L-isem tat-triq m'għadux jidher u jrid jerġa' jsir kif kien qabel.Fuq dan kien hemm qbil unanimu

34.10 Bozza fi Triq il-Parroċċa

34.10.1 Kien hemm bozza li kienet fit-tarf tat-triq u tneħħiet, u issa t-triq spiċċat mudlama. Il-proposta hi li jitqiegħdu gandlier jew tnejn. Ser tintalab stima permezz tal-GAL Xlokk, u ser tittieħed kwotazzjoni bħal dik ta' Santu Rokku.

34.11 Irkotta Fest

34.11.1 Rigward l-edizzjoni tas-sena d-dieħla, f'Ottubru 2027, kien hemm qbil li l-Kunsill l-ewwel jara kif marret l-edizzjoni ta' din is-sena.

34.12 It-Tieni Fażi tal-Istorm Water Culverts

34.12.1 Ix-xogħlijiet tat-tieni fażi tal-Istorm Water Culverts huma fil-proċess u ser jibdew minn Triq ir-Ramlija.

34.13 Rapport tal-Awditjar għas-Sena 2025

34.13.1 Is-Segretraju Eżekuttiv resqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-Rapport tal-Awditjar bir-risposti għall-Management Letter. Dan ir-rapport ġie diskuss mil-Kunsillera preżenti ukien hemm qbil fuq ir-ripsosti li ingħataw.

34.15 Nagħlqu s-Sajf Flimkien

34.14.1 Il-Kunsilliera Loranna Bonniċi ser tagħti aġġornament b'komunikazzjoni f'hiex waslu l-preparamenti għal din l-attivita'.

PD MAL

34.15 SPI/SCI/07/2026 - Finanzjament - Attivitajiet Kulturali Annwali

34.15 Is-Sindku Matthew Agius Zammit ressaq mozzjoni biex il-Kunsill japplika għall-iskema SPI/SCI/ 07/2026 – Finazjament – Atttiviatjiet Kulturali Annwali 2027 li ġiet issekondata mill-Kunsilliera Loranna Bonniċi; il-membri kollha qablu li ssir applikazzjoni għall din l-iskema.

34.16 Rapport tal-Ilmenti

34.16.1 Triq San Pietru hemm katusi li hija baxxa u qed iżżomm l-ilma.

34.16.2 Triq Ġnien Rousset – qed ikun hemm triple parking quddiem il-każin tal-futbol. Il-proposta hi li, jekk taqbel Transport Malta (TM), jitqiegħdu bollards biex it-triq tidjieq. Il-Kunsill fuq dan qabel.

34.16.3 Qabel Sqaq ir-Ramlija hemm tabella li tindika li ġej sqaq. Ġew diskussi t-tabella u zebra crossing u ma' dan kien hemm qbil mil-membri kollha.

34.17 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

34.17.1 Il-lista tal-pagamenti, Skeda Nru. 177 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

34.16.2 Is-Sindku Matthew Agius Zammit ressaq mozzjoni biex il-lista tal-pagamenti, Skeda Nru. 177, tiġi approvata. Il-mozzjoni ġiet sekondata mill-Viċi Sindku Bernice Caruana u ġiet approvata b'mod unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

PD MAC

34.18 Tmiem il-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss

34.17.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

34.17.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta, 15 ta' Settembru 2026, fil-17:00.

34.17.3 Il-laqgħa ntemmet fis-19:30.

Kunsill Lokali
ĦAL KIRKOP
parva non iners
31, Truq San Benedittu
Ħal Kirkop, KKP1243

Matthew Agius Zammit
Sindku

Kunsill Lokali
ĦAL KIRKOP
parva non iners
31, Truq San Benedittu
Ħal Kirkop, KKP1243

Franklan Debono
Executive Secretary

Mozzjoni Ref: /26/10

Mozzjoni:

Mozzjoni biex jiġu biex il-kunsill japplika għall-iskema SPI/SCI/07/2026 - Finanzjament - Attivitajiet Kulturali Annwali 2027

Proponent
Matthew Agius Zammit

Sekondant
Loranna Bonnici

Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv

Data: 26 t'Awwissu , 2026

Franklan Debono
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Mozzjoni Ref: /26 /10

Mozzjoni:

Mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. ____ tiġi approvata.

Proponent
Matthew Agius Zammit

Sekondant
Loranna Bonnici

Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv

Data 26 t'Awwissu, 2026

Franklan Debono
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Mozzjoni Ref: /26/10

Mozzjoni:

Mozzjoni biex jiġu approvati l-minuti tas-seduta 32 u 33

Proponent
Matthew Agius Zammit

Sekondant
Bernice Caruana

Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv

Data: 26 t'Awwissu , 2026

Franklan Debono
Deputat Segretarju Eżekuttiv